**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' l-Erbgha 1 ta' Frar 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Paul Abela**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Paul Abela ta' 64 sena imwieled Rabat nhar il-11 ta' Frar 1956 bin Karmnu u Helen nee Agius residenti 14, Televagga Crt, Flt1, Triq Santu Rokku Rabat, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 113056M

Akkuzat talli fix-xahar ta' Gunju 2021 u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer:

1. Xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe roti ta ghamla, Legnano, Mountain, Radford, Cross u Magis, li l-valur taghhom komplesivament ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) mehudin b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxihom.

Il-Qorti giet mitluba li titratta mal-imputat bhala recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' Qrati Maltin, liema sentenzi saru defenittivi

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2022 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

5. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjoni dedotta kontra tieghu hija ta' erba' snin prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

6. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u l-imputat wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

7. Rat ix-xhieda tal-ufficjal tal-probation Marilyn Formosa u rat il-*pre-sentencing report* taghha ipprezentat fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2022 fil-konfront tal-imputat.

8. Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

8. Rigward il-piena, il-Qorti ikkunsidrat li ghalkemm l-imputat ma irregistrax ammissjoni fl-ewwel seduta ta' dawn il-proceduri, huwa xorta irregistra ammissjoni fi stadju pjuttost bikri ta' dawn il-proceduri, ghalhekk ma heliex il-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

9. In oltre huwa ikkopera mal-Pulizija u tahom informazzjoni utli sabiex jittiehdu proceduri kriminali kontra terza persuna li allegatament kienet tisraq ir-roti in kwistjoni, u meta jispiccaw dawn il-proceduri se jigi msejjah bhala xhud fil-proceduri kriminali kontra din il-persuna.

10. Huwa irritorna wkoll lill-Pulizija ir-roti li kellu fil-pussess tieghu li kienu gejjin minn diversi reati ta' serq.

11. Huwa vera li l-fedina penali tieghu hija pjuttost raffrettarja b'diversi kundanni minn dawn il-Qrati inkluz ghal diversi ksur tal-ligijiet tas-sewqan, serq ikkwalifikat u ricettazzjoni, u gie kkundannat ghal piena karcerarja tlett darbiet. Pero l-ahhar kundanna tirrisali lura ghal reat li sehh fis-sena 2014.

12. Fil-pre-sentencing report taghha, l-Ufficjal tal-Probation ikkonkludiet hekk:

*"Pjan ta' Kura*

*Matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport deher car li Paul Abela qed jghix hajja pjuttost stabbli, fejn huwa ghandu r-rutina tieghu u s-sapport tal-familja u l-hbieb tieghu. Huwa ghandu bonn jaghraf sew it-tip ta' nies li jaghmel negozju maghhom sabiex jigi zgurat li huwa ma jkollux reati ohra fil-futur tieghu.*

*Rakkomandazzjoni*

*Fid-dawl tal-informazzjoni li ngabret f'dan ir-rapport jidher li Paul Avela jaghraf il-hazin li huwa ghamel u jidher li qed jifhem kemm huwa importanti li jiccekkja l-affarijiet sew qabel ma jidhol f'xi negozju.*

*Ghaldaqstant qed jigi umilment issuggerit lil din l-Onorabbli Qorti li galadarba Paul Abela jidher li qieghed mixi fit-triq it-tajba, huwa ghandu jinghata Ordni ta' Xoghol fil-Komunita skond l-Artikolu 11 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex huwa jaghti ftit lura lis-socjeta. L-ammont ta' sieghat ghandu jirrifletti l-kundizzjonijiet ta' sahha fizika u l-eta tieghu."*

13. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation, u l-motivazzjoni taghha.

**Konkluzjoni**

12. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Wara li rat l-Artikolu 334, 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq esposti, ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggieh taht ordni ta' servizz fil-kommunita billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitejn (200) siegha f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess Ordni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

(2) Din l-Ordni qed issir wara li din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici l-effett ta' l-ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

13. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**